# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**<u>A. MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).</u>**
**<u>MAGISTRAT</u>**

I1-Pulizija
(Spetturi Norbert Ciappara u
Dominic Micallef)
vs
Stanley Chircop

<u>25/98</u>

Illum 18 ta' Settembru 2001.

**IL-QORTI,**

Rat 1-akkuzi dedotti kontra 1-imputat Stanley Chircop ta' 28 sena, imwieled H'Attard, bin Joseph u Philippa née Spiteri u joqghod 44, 'St Mary Flats', Flat 4B, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita` 143370(M) - akkuzat talli:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura fis-17 ta' Mejju 1998 u f'dawn 1-ahhar granet id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjoni tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura 1-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' 1-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet tal Malta;

2. Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' 1-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga

msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu;

3. Ukoll fis-17 ta' Mejju 1998 u 1-granet ta' qabel assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghhu jew jittraffikaw f''dawn il-Gzejjer, kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw, jew iffinanzjaw 1-assoccjazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1)(f) tal-istess Kap;

4. Ukoll talli fis-17 ta' Mejju 1998 u dawn 1-ahhar gimghat kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(i) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(b) u 89(a) u t-tielet skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u 1-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u 1-Artikolu 16 tal-Att V tat-1985 kif emendat.

I1-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika 1-piena stabbilita mil-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond 1-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali tad-19 ta' Mejju 1998, (a folio 10) u l-kontro-ordni (a folio 218) sabiex l-imputat jigi iggudikat minn dina l-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu bis-sahha tas-subartikolu (2) u (2C) tal-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31) u tas-sub artikolu (2) tal-Artikolu 22 u ta' l-Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni u rat in-nota ta' osservazzjonijietipprezentata mill-prosekutur;

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat:

Taht il-Kap 101:

Bi traffikar tad-droga eroina; tal-pussess ta' l-istess droga f'cirkustanzi tali li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu; ukoll ta' assocjazzjoni sabiex ibiegh jew jittraffika.

Taht il-Kap 31:

B'pussess tal-medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss.

I1-fatti li taw lok ghal dawn 1-akkuzi huma li fis-17 ta' Mejju 1998 il-Pulizija kienet ghamlet tfittxija fuq tliet guvintur li kienu ghadhom kif parkeggjaw b'vettura tal-marka Toyota numru ta' registrazzjoni BBB-204 fejn iz-zuntier tal-knisja l-Imsida ftit aktar 'il quddiem fejn kienu ghassa gewwa vettura ohra 1-Pulizija. Il-guvintur kienu 1-imputat, certu Weal Mahmud Dwah u Alfred Galea. Mit-tfittxija li saret fuqhom il-Pulizija elevat droga mill-persuni ta' Dwah u Galea li kien ukoll osservat jarmi pakkett taht il-vettura; minn fuq 1-imputat elevaw mizien elettroniku minn fuq wara tal-qmis li kien liebes.

I1-provi huma fis-sens li l-imsemmija tliet persuni kienu marru flimkien San Giljan fejn Dwah kien iltaqa' ma' persuna ohra bl-isem Husemi el Housseni. L-imsemmi Dwah u Galea kienu telqu ma' din l-ahhar persuna u kienu marru fil-lukanda San Gorg waqt li 1-imputat kien qaghad fl-istabbiliment maghruf bhala 'A1 Cafe`' jistennihom jirritornaw lura. Jinghad li t-tliet persuni fuq citati waqt li kienu fil-kamra fejn kien jallogga Housseni kienu abbuzaw minn eroina u kienu wkoll innegozjaw bejniethom din id-droga eroina fejn l-imsemmi Housseni kien biegh kwantita` lill-imsemmija Galea u Dwah ghall-prezz li kien jaggira ghal xi Lm735 u dana wara li l-imsemmija droga kienet intiznet permezz tal-mizien elettroniku li sussegwentement instab fil-pussess ta' l-imputat fil-kors tat-tfittxija li ghamlu fuqu l-Pulizija fl-Imsida.

Illi din il-Qorti fid-dawl ta' l-akkuzi riportati kontra l-imputat sejra f'dan l-istadju tezamina u tiddetermina jekk giex sodisfacjentement pruvat kontra

l-imputat l-assocjazzjoni tieghu ma' din it-transazzjoni ta' droga, li tirrizulta li sehhet, u, alternattivament jekk it-transazzjoni kienitx maghrufa lilu jew ukoll jekk kienx b'xi mod iehor kojinvolt fiha. Dak li jista' b'certezza jigi eskluz hu l-konvolgiment tieghu fl-abbuz ta' l-eroina f'dik l-okkazjoni. Altrimenti l-prosekuzzjoni qieghda ssostni li l-konnessjoni ta' l-imputat mat-transazzjoni u ghalhekk mat-traffikar, pussess u assocjazzjoni hu l-mizien elettroniku li nstab fuq persuntu. Mill-provi din il-Qorti hi sodisfatta biss dwar li dak il-mizien kien proprju l-istess li kien precedentement intuza biex intiznet id-droga.

Il-Qorti tinsab sodisfatta li dan hu hekk stante x-xhieda ta' Dwah abbinata mat-tracci li nstabu mill-ezami forensiku li segwa. Dan il-fatt wahdu pero`, ghalkemm probatorju fih innifsu, difficilment, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu bizzejjed sabiex twassal ghall-prova unikoka li l-imputat hu hati ta' l-assocjazzjoni jew ukoll ta' traffikkar u pussess. Hemm provi ghaldaqstant konvincenti li juru li l-imputat ma kellu sehem xejn mat-transazzjoni u li lanqas kien a kurrent taghha. Il-provi in propositu huma fl-isfera tal-possibbli li in criminalibus ma jikkostitwux prova probanti.

Mill-kumplament pero` jirrizulta, nonostante c-cahda ta' l-imputat, li l-mizien instab kif stqarr PS 733 (folio 55 u 152) u cioe` fuq wara tal-flokk li kien liebes l-imputat. Dan irrizulta mit-tfittxija li 1-istess surgent ghamel fuq l-imputat u dan wara li kien osservah ideffes il-mizien fejn proprju nstab meta l-imputat flimkien ma' 1-ohrajn kien hareg mill-vettura Toyota.

Il-Qorti f'dan ir-rigward xejn m'ghandha dubju dwar il-veracita` ta’ din ix-xhieda tas-surgent u f’dan il-kuntest hi l-fehma taghha li 1-imputat ghandu jirrispondi ta’ komplicita` ai termini tas-subincis (d) ta’ l-Artikolu 42 tal-Kap 9. Xejn ma jimporta f’dan ir-rigward kienx l-imputat konsapevoli tat-traffikar u pussess la darba volutament agixxa biex jahbi l-mizien ben konsapevoli ta’ l-azzjoni tieghu kif tindika c-cahda tieghu li l-mizien kien verament fuq il-persuna tieghu.

Illi apparti dan il-fatt tal-komplicita`, li l-Qorti thoss li ghandha tqisa hekk kif cirkoskritta ghall-fatti kif irrizultaw mill-provi kontra l-imputat, jirrizulta wkoll kontra tieghu l-pussess tad-droga eroina senjatament minn dik il-parti ta’ l-istqarrija tieghu fejn ammetta li kien abbuza minn din id-droga tliet ijiem qabel.

Dwar is-sejba tal-pilloli mill-kamra tas-sodda tar-residenza ta’ l-imputat ftit hemm xi tghid stante li s-sejba ta’ dawn il-pilloli tirrizulta fic-car u m’hemmx dubju li kienu jappartjenu lilu. Lanqas ma hemm dubju dwar li l-pilloli huma dawk maghrufa bhala Dihydrocodeine (DHC) li huma kkontrollati taht il-Kap 31 u li l-imputat ma kien kopert b’ebda awtorizzazjoni ghall-pussess taghhom.

In vista tal-fuq espost, ghalhekk, l-imputat ghandu jinstab hati:

- Tat-tieni akkuza izda minghajr l-kwalifika tas-sejbin f’tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu u dana stante li din minn imkien ma irrizultat;

- Tar-raba’ akkuza ossija talli fis-17 ta’ Mejju 1998 u dawn l-ahhar gimghat kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss;

- Talli irrenda ruhhu komplici meta heba fuq wara tal-flokk li kien liebes mizien li kien ghadu kif intuza minn ohrajn fir-reat ta’ traffikar u pussess tad-droga eroina b’dan li irrenda ruhu hati li xjentement ghen lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ikkunsmat.

Ghal dik li hi piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni kemm dak li stqarret l-Ufficjal tal-‘probation’ kif ukoll l-grad li fih din il-Qorti sabet lill-imputat hati ta’ komplicita` li certament fid-dawl tac-cirkostanzi u provi ghandu jigi ikkunsidrat li kien fi grad minimu.

Rat ghalhekk 1-Artikolu 42(d), 43, u 17 tal-Kap 9, 1-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b) u r-regolament 4 u 8 tal-G.N. 292/1939 tal-Kap 101, kif ukoll l-Artikolu 120A(1)(a)2(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kap 31 u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ tmien xhur u multa ta’ Lm200 (mitejn lira Maltin) li ghandhom jigu konvertiti f'xahar iehor prigunerija fin-nuqqas ta’ pagament.

Il-Qorti tordna li mill-perjodu ta’ prigunerija inflitta jitnaqqas kull terminu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Ghal kull buon fini 1-Qorti tiddikjara li fl-ghoti tal-piena ikkonsidrat il-ligi kif applikabbli fid-data meta sehhew r-reati.

F1-ahharnett tordna l-konfiska ta’ l-esebiti konsistenti fil-pilloli u 1-mizien li huma deskritti bil-kodici forensiku 98 BDU 409, 98 BDU 409a u 98 BDU 410. Tikkundanna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 li jhallas l-ispejjez kollha relatati man-nomina ta’ l-esperti in konessjoni ma’ dan il-kaz.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-‘tape’.

Albert P. Calleja,
Deputat Registratur.